MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2013

Numru 321/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Paul Tabone**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Paul Tabone bin Grezzju u Angela nee' Vella, imwieled fit-18 ta' Settembru 1960, residenti fil-fond Solitaire, Triq Dun Pawl Micallef, Rabat, Għawdex, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 53460G fejn ġie imputat talli nhar l-24 ta' April 2012 u fil-jiem ta' qab el fl-inħawi tal-Kalandrijiet limiti ta' Kerċem, Għawdex:-

(a) Mingħajr il-ħseib li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu fixkel lil Lawrence Vella fil-pussess ta' ħwejġu u dan bi ksur tal-artikluo 85 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9;

(b) Fl-istess ċirikostanzi kkaġunajt ħsara għad-dannu ta' Lawrence Vella liema ħsara teċċedi l-ħamsin Euro (€50).

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Ġunju 2012 li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu minħabba nuqqas ta' provi, fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tagħha (tal-ewwel (1) imputazzjoni) u kkundannatu multa ta' mitt ewro (€100.00).

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Paul Tabone minnu prezentat fid-19 ta' Ġunju 2012, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar d-deċiżjoni msemmija tal-5 ta' Ġunju 2012 fis-sens illi tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

**4.** Rat l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali sollevata minnu fl-udjenza tal-21 ta' Diċembru 2012 li biha eċċepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell stante li huwa nieqes minn rekwiżit essenzjali skont l-Artikolu 419(1)(c) tal-Kap 9 u dan peress li kellha tintalab ir-riforma tas-sentenza appellata u minflok intalbet ir-revoka tagħha u għamel riferenza għas-sentenza il-Pulizija v John Agius tad-9 ta' April 2003.

**5.** Rat il-verbal tad-difiża li biha ġie dikjarat li qiegħda toġġezzjona għall-eċċezzjoni msemmija stante illi l-fatt illi l-appellant qiegħed jappella minn sentenza ta' ħtija fejn l-akkużi huma anċillari għal xulxin, bl-ebda mod ma għandu jwassal għan-nullita' tar-rikors tal-appell.

**6.** Semghet lill-partijiet jittrattaw l-eċċezzjoni msemmija u rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

**7.** Għamel sew l-Avukat Ġenerali meta rrefera lil din il-Qorti għal dak li ingħad u ġie deċiz fis-sentenza tagħha tad-9 ta' April, 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph John Agius** għaliex f'dik is-sentenza din il-Qorti għamlet rassenja piuttost estensiva tal-ġurisprudenza twila u konsistenti dwar ir-raġunijiet li jagħtu lok għan-nullita' skont l-artikolu 419(1) tal-Kodiċi Kriminali, fosthom it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri. Huwa veru wkoll, izda, kif irrilevat fis-sentenza riċenti ta' din il-Qorti tal-20 ta' Lulju 2012 fl-ismijiet **Pulizija v Lorcharles Pace, "**sabiex it-talba tkun qed titlob ir-riforma tas-sentenza appellata ma hux tassattiv u assoultament meħtieġ li tintuża l-kelma "tibdel" jew il-kelma "tirriforma" fit-talba sakemm ikun manifestament ċar li dak li jkun qiegħed jintalab ikun it-tibdil jew riforma tas-sentenza appellata"[1]. Fis-sentenza msemmija Pulizija v Lorcharles Pace din il-Qorit ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nullita' tal-appell għaliex f'dik il-kawża l-appellant talab li l-Qorti "tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li tirrigwarda l-corpus delicti" u għalhekk għalkemm ma ntużatx il-kelma tibdel jew tirriforma dak li kien qieghed jintalab kien kjarament biss it-tħassir ta' parti speċifika tad-dispożittiv tas-sentenza appellata u billi ma ntalab xejn għar-rigward tal-kumplament dan neċessarjament kien ifisser li kienet qed tintalab it-tibdil jew riforma tas-sentenza appellata.

Fil-każ odjern, iżda, s-sitwazzjoni hi waħda għal kollox differenti. L-appellant qiegħed jitlob lil din il-Qorti "tħassar d-deċiżjoni appellata" u għalhekk qed tintalab it-tħassir anki ta' dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-appellant. Fl-istess ħin l-appellant qiegħed jitlob li din il-Qorti "tillibera lill-appellant mill-imputazzoni kollha migjuba fil-konfront tiegħu" u għalhekk b'din il-parti tat-talba tal-appellant qed tintalab il-konferma tal-parti fejn is-sentenza appellata lliberatu mill-imputazzjoni u dan, kif ingħad, fl-istess waqt li qieghed jitlob it-tħassir tagħha. Huwa minnu li din il-Qorti

[1] Ara wkoll Qorti Kriminali, Henriette Mifsud Bonnici v Maurice Mifsud Bonnici, 20 ta' Lulju, 1951, Vol. XXXV.IV.747.

riċentement qiegħda tieħu atteġġjament piuttost anqas rigidu minn qabel lejn difetti fir-rikors tal-appell billi safejn ikun possibbli ssalva l-appell u dan sabiex jiġi evitat dak li ġie deskritt minn Karen Reid fl-opra ċitata mill-appellant fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu bħala “An overly formalistic approach which prevents the substance of the applicant’s Convention complaints being examined”. Iżda din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-artikolu 419(1)(c) tal-Kap 9 għadu parti mill-liġi ta’ Malta u li l-ġurisprudenza dwar il-ħtieġa ta’ attenzjoni u kjarezza f’dak li jkun qiegħed jintalab mill-appellant taħt piena ta’ nullita’ tassattivament prevista mil-liġi hija kostanti u univoka. Biżżejjed wieħed jeżamina r-rassenja tal-gurisprudenza li tinsab fis-sentenza **Pulizija v Joseph John Agius** ġia ċitata. Kif jingħad f’dik is-sentenza is-sitwazzjoni maħluqa mill-appellant “hija proprju s-sitwazzjoni konfuzjonarja w problematika li skond il-gurisprudenza fuq citata trid tigi evitata  bl-uzu ta’ dicitura preciza w cara fit-talba kontenuta fir-rikors tal-appell”.

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali u tiddikjara l-appell irritu w null għax ma giex rispettat il-vot tal-liġi fl-artikolu 419 (1)(c) tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------